# Il-Passat u l-Preżent

## *Minn Joseph Zerafa (Peppi tas-Sejku)*



Xtaqt naqsam magħkom ftit memorji li għandi tas-snin sittin u sebgħin qabel ma emigrajt lejn l-Awstralja.

Jiena twelidt f'Għajnsielem fl-1950, ta' 9 snin kont abbati u meta kelli 12-il sena mort għamilt sentejn Malta mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Fl-1964 dħalt għal ftit fis-seminarju ta' Għawdex. Ta' sittax-il sena bdejt naħdem ġol-istamperija ta' San Ġużepp fejn domt hemm sal-1973. Fi żmien bejn l-1965 u l-1973 għalija kienu l-aħjar snin ta' ħajti bħala ġuvni. Nista' ngħid ukoll li kienu l-aħjar snin għal dawk kollha li kienu parti mir-raħal sew jekk kienu bandisti, sew jekk kienu jilagħbu l-futbol, sew jekk kienu mdaħħlin f'għaqdiet oħra. L-Azzjoni Kattolika jew aħjar kif konna nsibuh 'iċ-ċirklu' kien il-pedament li minnu Għajnsielem fl-opinjoni tiegħi kien l-aqwa raħal li kellu Għawdex għal dawk li huma suċċessi. Il-provi ta' dan huma ċari. Reġgħet ġiet renovata l-banda, il-futbol club beda jikseb suċċessi kull sena, iċ-ċirklu kien għaddej minn żmien fejn kellna attivitajiet kemm fix-xitwa u kemm fis-sajf. Kulħadd kien jieħu parti. Jiena bdejt nieħu parti l-ewwel fiċ-ċirklu fejn kont segretarju taħt it-tmexxija ta' Dun Karm Cassar. L-attivitajiet li konna norganizzaw kienu veru jqajmu interess kbir kemm għat-tfal u kemm għall-ġenituri. Ma ninsa qatt il-ġimgħa li għamilna Kemmuna. Kont ħadt grupp ta' tfal 'camping'. Inzertat ġimgħa riħ li kważi konna friżajna allavolja kien Lulju. Kellna lil Mawru Attard billi kellu l-ħanut, iġibilna affarijiet tal-ikel mad-dgħajsa ta' Kemmuna. Anke meta organizzajna l-Penny Stunt. Din l-attività kelli nġib permess mingħand l-Università ta' Malta għax huma kellhom l-'Copy Right' ta' dan l-isem. Din l-attività kienet biex niġbru ftit flus għaċ-Ċirklu. Allura li għamilt hu żbaħna GĦAJNSIELEM b'ittri kbar kważi żewġ piedi biex jimlew bis-soldi. Kont stedint kull għaqda ġewwa Għawdex saħansitra anke l-isqof Nikol Cauchi, il-kummissarju għal Għawdex fejn ġew u ġabulna borża soldi. Il-każini tal-baned kienu ħadu parti wkoll. Dan għamilnih f'wieħed mill-Ħdud. Konna ġbarna fuq 200 lira. Dak inhar konna nixtru kważi kwart Għajnsielem b'dawk il-flus. Kellna league tas-sajf li kien suċess kbir. L- ismijiet li tajna lil kull team kienu veru oriġinali bħal 'THE FUNNY BUNS'. Fejn kien jidħol Għajnsielem FC, dejjem tajna l-għajnuna speċjalment l-istampar tal-magazine li kienu joħorġu. Kont inġibilhom reklami biex noħorġuh b'xejn. Kont nistampah b'xejn għax kien f'idejja għand l-istamperija ta' San Ġużepp.

Wara mbagħad ġiet renovata l-banda u ninsa min ġie fuqi u qalli biex nitgħallem il-mużika. Mort l-istitut il-qadim biex niltaqa' mas-surmast u qalli ser ngħallmek iddoqq il-baxx jew aħjar is-C B Moll.

Jiena ma kontx naf assolutament xejn fuq banda jew mużika aħseb u ara b'dan l-istrument hekk kbir. Miegħi kelli lil Karmenu ta' Mabbli (it-tatti) idoqq il-Mi B Moll. Xħin ġejna biex indoqqu l-ewwel nota jien ma stajtx inżomm bid-daħk għax il-ħoss li ħareġ mill-istrument kien veru 'funny'. Imbgħad Karmenu beda jidħak għax kont qed nidħak jien u miskin is-surmast beda jirrabja miegħi għax kien sar il-ħin u ma konna għamilna l-ebda progress. Wara li għaddew kważi 10 xhur kollha kemm aħna bdejna nuru li għandna banda li ser tagħmel unur kbir lil Għajnsielem. Ma ninsa qatt l-ewwel marċ li għamilna minn ħdejn il-knisja il-qadima sal-istitut il-ġdid. Folol ta' nies li ġew minn Għawdex kollu biex jaraw u jisimgħu din il-banda. Bla dubju ta' xejn is-suċċess tar-renovazzjoni huwa qabel kollox it-talent li kellu għall-mużika s-surmast Joseph Farrugia. Aħna l-bandisti tal-ewwel irrispondejna għas-sejħa li għamlulna biex insiru bandisti u bandisti tajba konna kollha kemm aħna. Ma nistax ma nsemmix l-istedini li kellna mhux biss ma' Għawdex kollu iżda anki f'irħula ta' Malta sew jekk kienu festi tar-raħal jew purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, jew festivals. Barra li kont bandist kont ukoll segretarju tal-banda fejn waqqaft il-ġurnal li semmejtu Għajnsielem. Fil-bidu tas-sena 1973 għamilt deċiżjoni li nħalli lil ommi u lil missieri u lil ħuti u nemigra lejn l-Awstralja. Kienet deċiżjoni diffiċli għaliex kont marbut ħafna mar-raħal tagħna. Għalhekk ġiet il-ġurnata tas-17 ta' Settembru 1973 fejn għall-aħħar darba r-rabta li kelli mar-raħal inħallet u ma ninsa qatt dik il-ġurnata minn xħin qomt sakemm kont tiela' t-taraġ biex nirkeb l-ajruplan QANTAS f'xi l-10.00 ta' bil-lejl u hekk ħajti tbiddlet għal kollox. Illum 40 sena ġo dan il-pajjiż hekk kbir, nista' ngħid mingħajr dubju ta' xejn li deċiżjoni li għamilt 40 sena ilu, kienet deċiżjoni tajba. Is-sena l-oħra meta ġejt għal btala ta' 9 ġimgħat ħadt pjaċir li erġajt iltqajt ma' bandisti li konna ndoqqu flimkien. Il-każin tal-banda rajtu tbiddel ħafna u ssebbaħ bil-billiards u l-arkivju li sar. Dan huwa xhieda ta' kemm huma ħabrieka l-kumitat u l-bandisti. Anke l-osservazzjoni li għamilt hija li n-numru ta' bandisti tal-baned kollha naqsu ħafna, biss il-banda tagħna tinsab fi stat aħjar f'dak li hu numru ta' bandisti (4 baxxi). Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lill-kumitat talli wrew gratitudi lejja għax-xogħol li għamilt meta kont segretarju tal-banda billi ppreżentawli rigal flixkun nbid bl-emblema tal-banda fuqu.

Dan jiena napprezzah ħafna u jibqa' hemm tul ħajti kollha bħala tifkira.